# QORTI CIVILI PRIM`AWLA

ONOR. IMHALLEF
JOSEPH ZAMMIT MCKEON

**Illum il-Hamis 26 ta` Mejju 2016**

**Kawza Nru. 13**
**Rik. Gur. Nru. 1061/12 JZM**

**Avv. Ian Vella Galea (Karta tal-Identita` Nru: 264779M) bhala mandatarju specjali ta` Antoine Hayem (Passaport Franciz Nru: 07CR88411)**

***u***

**b`nota pprezentata fl-24 ta` April 2014 Antoine Hayem assuma l-atti tal-kawza f`ismu personali**

***kontra***

**Alistair Robert Clifford Tulloch (Passaport Ingliz Nru: 093237734)**

***u***

**b`nota pprezentata fl-4 ta` Marzu 2013 l-Avukat Dr. Christian Farrugia assuma l-atti tal-kawza bhala l-mandatarju specjali ta` Alistair Tulloch**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-23 ta` Ottubru 2012 li jaqra hekk :–

*1. ILLI r-rikorrent Antoine Hayem, flimkien mas-socjeta` APV Limited u Jean-Christophe Touret, iffurmaw is-socjeta` Maltija Privajet Holdings Ltd. (C46795) b`dan illi s-socjeta` APV Limited kellha l-maggoranza tal-ishma fl-istess socjeta` Privajet Holdings Ltd. u cioe` sitt mija erbgha u ghoxrin (624) ishma ordinarji filwaqt illi r-rikorrent Antoine Hayem kellu erba` mija tmienja u tletin (438) ishma ordinarji u Jean-Christophe Touret kellu mija u tmienja u tmenin (188) ishma ordinarji, kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A' ;*

*2. ILLI l-imsemmija socjeta` Privajet Holdings Ltd. hija azzjonista tal-ishma kollha hlief wiehed fis-socjeta` Maltija Privajet Limited (C46796) kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkata bhala Dok. 'B' ;*

*3. ILLI l-ghan tas-socjeta` Privajet Limited huwa illi tixtri, tbiegh, tpartat, tikri u taghmel negozju iehor relatat mal-aircrafts skont kif deskritt fil-Memorandum and Articles of Association tal-istess kumpannija m`hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'C' u ghaldaqstant inghatat licenzja biex topera f`dan is-sens mit-Transport Malta taht il-kontroll tal-European Joint Aviation Authority, kopja m`hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'D' ;*

*4. ILLI skont l-Artikolu 4(2) u 4(4) tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew Numru: 2407/92 dwar licenzjar ta` air carriers, sabiex impriza tinghata licenzja minn Stat Membru :*

> *" [...] l-impriza ghandha tkun il-proprjeta` u tibqa` l-proprjeta` direttament jew permezz ta` maggoranza ta` ishma, tal-Istati Membri u/jew cittadini tal-Istati Membri. Din ghandha f`kull hin tkun effettivament kontrollata minn dawk l-Istati jew dawk ic-cittadini.*
>
> *Kull impriza li tippartecipa direttament jew indirettament f`kull kontrollar ta` pussess ta` ishma f`air carrier ghandha tosserva l-htigijiet tal-paragrafu 2."*

*5. ILLI meta giet iffurmata Privajet Holdings Ltd, permezz ta` numru ta` dokumenti (m`hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'E') l-intimat Alistair Robert Clifford Tulloch, li huwa d-direttur tas-socjeta` APV Limited, informa lir-rikorrent Antoine Hayem illi hu l-ultimate economic beneficiary tal-istess APV Limited ;*

*6. ILLI di piu` r-rikorrenti Antoine Hayem, fil-kapacita` tieghu ta` CEO ta` Privajet Holdings u Privajet Limited, talab u ottjena l-awtorizazzjoni necessarja minghand l-Awtoritajiet Amerikani sabiex Privajet Limited tkun approvata bhala operatur barrani taht ir-regolamenti tal-Federal Aviation Administration Part 129. Illi sabiex jottjeni l-awtorizzazzjoni msemmija, ai termini tas-sub-klawzola §211.20(e) tat-Titolu 14, Volum 4, Kap. II tal-Code of Federal Regulations, Privajet Limited kellha tipprovdi l-informazzjoni kollha rigwardanti l-final economic beneficiaries li ghandhom iktar minn hamsa fil-mija (5%) tal-ishma fl-istess socjeta` ;*

*7. ILLI ghalhekk ir-rikorrenti Antoine Hayem kiteb lill-intimat Alistair Robert Clifford Tulloch permezz ta` diversi ittri u emails (m`hawn annessi u mmarkati bhala Dok F) u talbu jikkonferma d-dettalji dwar l-ultimate economic beneficiaries tas-socjeta` APV Limited bhala azzjonista fis-socjeta` Privajet Holdings Limited ;*

*8. ILLI l-intimat Alistair Robert Clifford Tulloch kien evaziv hafna fir-risposta tieghu u baqa` ma pprovdiex id-dettalji u l-informazzjoni mitluba;*

*9. ILLI minn informazzjoni fil-pussess tieghu, ir-rikorrent Antoine Hayem wasal ghal konkluzjoni illi l-ultimate economic beneficiary tas-socjeta` APV Limited ma kienx fil-fatt Alistair Robert Clifford Tulloch kif kien iddikjara u ta x`jifhem lill-azzjonisti kollha meta giet iffurmata l-kumpannija Privajet Holdings Limited izda kienet persuna ta` nazzjonalita` Russa ;*

*10. ILLI meta ra hekk, ir-rikorrenti Antoine Hayem irrealizza illi Privajet Limited kienet f`riskju serju u mminenti illi titlef il-licenzji taghha sabiex tkun tista` tkompli topera fil-qasam tal-aircrafts – fir-rigward tal-licenzja moghtija minn Transport Malta in kwantu wiehed mill-ultimate economic beneficiaries mhuwiex cittadin ta` pajjiz membru fl-Unjoni Ewropea ; u fir-rigward tal-awtorizazzjoni moghtija mill-Awtoritajiet Amerikani in kwantu l-informazzjoni moghtija fl-applikazzjoni ma kinitx korretta ;*

*11. ILLI ghalhekk l-istess Antoine Hayem beda process mghaggel hafna u urgenti sabiex jittrasferixxi l-ishma tieghu fis-socjeta` Privajet Holdings Limited lil terzi ;*

*12. ILLI sabiex jaghmel dan huwa kellu jbiegh tali ishma bi prezz ferm anqas mill-prezz reali taghhom u per konsegwenza sofra danni ghal liema danni huwa responsabbli l-intimati ;*

*13. ILLI r-rikorrenti jaf b`dawn il-fatti personalment ;*

*14. ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*GHALDAQSTANT, in vista tas-suespost, ir-rikorrent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent Antoine Hayem sofra danni b`kawza ta` l-agir tal-intimat kif fuq inghad ;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat huwa responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrent ;*

*3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrent okkorrendo bl-opra ta` periti nominandi ;*

*4. Tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni hekk likwidati.*

*Bl-imghax u bl-ispejjez a karigu tal-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fil-21 ta` Dicembru 2012 li taqra hekk –

*1. Illi in linea preliminari, l-esponent jeccepixxi n-nuqqas ta` gurisdizzjoni ta` dina l-Onorabbli Qorti sabiex tisma` u tiddeciedi t-talba tar-rikorrent kif dedotta kontra l-intimat u dan ai termini tal-Artikolu 742 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll ai termini tar-Regolament tal-Unjoni Ewropeja Numru 44/2001. L-esponent ma huwiex cittadin Malti, ma huwiex prezenti f`Malta, ma huwiex residenti Malti u ma huwiex domiciljat Malta u in piu` l-allegat fatt ta` misrapprezentazzjoni, li qed jigi michud u kkontestat mill-esponent, u li allegatament ta lok ghad-danni mertu ta` din il-kawza, ma sehhx gewwa Malta.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, l-esponent intimat ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent attur ghaliex tul l-ingagg tal-istess intimat bhala Segretarju tal-kumpannija APV Limited u fil-komunikazzjonijiet tieghu mar-rikorrent, l-esponent intimat kien qieghed jagixxi fil-kapacita` ta` fiducjarju ta` terza persuna, mhux ghar-rikorrent u wisq inqas fl-interess tal-istess rikorrent.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-talbiet rikorrenti fil-konfront tal-esponent intimat huma frivoli, invertieri u nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Tul in-negozjati u l-komunikazzjonijiet kollha tar-rikorrent mal-intimat in konnessjoni mal-partecipazzjoni ta` APV Limited fi Privajet Holdings Limited, ir-rikorrent kien ben konsapevoli illi l-intimat ma kienx il-proprjetarju beneficjarju ta` APV Limited u li l-istess intimat kien biss jokkupa r-rwol ta` segretarju tas-socjeta`. Dan il-fatt huwa korraborat permezz ta` evidenza dokumentarja li qed tigi sottomessa mar-risposta mahlufa odjerna u mmarkata Dok AT1 – Dok AT217 liema dokumentazzjoni qed issir ukoll riferenza ghaliha fid-dikjarazzjoni guramentata tal-intimat u li qed tigi annessa mar-Risposta Mahlufa odjerna u mmarkata Dok A. Inoltre, l-allegazzjoni tar-rikorrent fis-sens illi huwa kien kostrett ibiegh b`mod mghaggel l-azzjonijiet tieghu fis-socjeta` Privajet Holdings Limited bi prezz inferjuri ghall-valur tal-istess minhabba pressjoni u thassib li kien ser jigi kommess xi ksur ta` Regolament Ewropej fil-qasam tal-Avjazzjoni da parti ta` Privajet Limited jew il-"holding company" ta` Privajet Limited, hija allegazzjoni ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*4. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, ir-rikorrent ma sofra ebda danni konsegwenza tal-bejgh tal-"equity interest" tal-istess rikorrent fis-socjeta` Privajet Holdings Limited. Anke li kieku teoretikament jigi assunt illi l-istess bejgh sarraf f`xi danni – liema allegazzjoni qed tigi kkontestata u michuda b`mod kategoriku u ma hija*

*sostnuta minn ebda evidenza – l-oneru tal-prova f`dan ir-rigward kif ukoll il-prova illi r-rikorrent ghamel l-ghan tieghu sabiex jimminimizza l-allegat telf finanzjarju, jinkombu esklussivament fuq l-istess rikorrent.*

*5. Illi l-esponent intimat qieghed jannetti bhala parti mir-risposta odjerna (Dok. A) dikjarazzjoni guramentata dwar il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri.*

*6. Illi ghaldaqstant u a bazi tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Jannar 2013 fejn wara direzzjoni mill-Qorti u riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni, id-difensur tal-konvenut iddikjarat illi din il-Qorti m`ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma` din il-kawza taht l-ebda wiehed mill-paragrafi (a) sa (g) tas-subinciz 1 tal-Art 742 tal-Kap 12. Inoltre hija eskluza wkoll il-gurisdizzjoni ta` din il-Qorti skond l-Art 2 sa 7 ta` Chap 2 ta` Sec 1 tar-Regolament 44/2001 tal-UE.

Rat illi fl-istess udjenza din il-Qorti dderigiet lill-partijiet biex iressqu provi biss dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta` Marzu 2013 fejn *inter alia* jinghad –

*Il-partijiet jaqblu illi l-konvenut Alistair Robert Clifford Tulloch la qatt kien residenti jew domiciljat Malta f'xi zmien, u lanqas hekk hu llum.*

*Billi ghad m'hemmx konvergenza bejn il-partijiet dwar jekk il-mandant tal-attur Antoine Hayem kienx qatt residenti jew domiciljat Malta f'xi zmien jew inkella huwiex residenti Malta llum, Dr Farrugia jixtieq jaghmel il-prova permezz ta' dokumenti illi fil-fatt hekk hu, u cioe' illi l-mandant tal-attur Antoine Hayem la qatt kien u lanqas huwa residenti jew domiciljat f'Malta.*

*Dr Farrugia qieghed jipprezenta bhala prova c-certifikat tar-registrazzjoni tas-socjeta' Privajet Holdings Limited, kif ukoll l-avviz ta' trasferiment ta' ishma fl-istess socjeta' datata 18 ta' Jannar 2010, u avviz ta' trasferiment tal-istess ishma mill-attur datat 4 ta' Lulju 2012. Ghal dan il-ghan qed jesebixxi dokument wiehed kompost minn erba' folji, immarkat*

*DOK.CFI.*

*Dr Vella Galea jaghti ruhu b'notifikat bid-dokument, u filwaqt li jirriserva l-pozizzjoni tieghu ghar-rigward tal-mertu tal-istanza, mhux qieghed jinsisti fuq il-konferma bil-gurament tad-dokument, u ghalhekk l-istess dokument DOK. CF1 ghandu jitqies bhala prova f'din il-kawza.*

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li kienu skambjati bejn il-partijiet dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-9 ta` Mejju 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni.

**Rat is-sentenza parzjali li tat fl-udjenza tas-17 ta` Settembru 2013 fejn, wara li cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, ordnat il-prosegwiment tal-kawza.**

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta` Frar 2014 bdew jingabru l-provi dwar l-ewwel u t-tieni talbiet attrici.

Semghet ix-xiehda (inkluz il-kontroezami) ta` Antoine Hayem fl-udjenzi tat-13 ta` Frar 2014, tal-24 ta` April 2014 u tad-19 ta` Gunju 2014, u rat id-dokumenti li kienu prezentati fit-tliet udjenzi.

Rat in-nota b`dokumenti prezentata mill-attur fit-13 ta` Marzu 2014.

Rat in-nota li pprezenta Antoine Hayem fl-24 ta` April 2014 fejn assuma l-atti tal-kawza f`ismu personali billi kien residenti Malta.

Semghet ix-xiehda ta` Ian Falzon fl-udjenza tat-13 ta` Novembru 2014.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut fl-udjenza tal-5 ta` Frar 2015 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` hames persuni li tressqu bhala xhieda mill-konvenut.

Semghet permezz ta` Skype, bi qbil tal-partijiet, ix-xiehda in kontroezami ta` Jean-Christophe Touret, ta` Bruce Gripton u ta` Evgency Kovalishivi fl-udjenza tal-14 ta` Mejju 2015, u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Rat in-nota li pprezenta l-konvenut fit-3 ta` Gunju 2016.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta` Frar 2016, il-partijiet talbu lill-Qorti sabiex taghti sentenza limitatament dwar l-ewwel u t-tieni talbiet attrici.

**Rat id-digriet illi tat fl-istess udjenza fejn, wara li laqghet it-talba tal-partijiet, halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum *in difett ta` ostakolu* dwar l-ewwel u t-tieni talbiet attrici.**

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat illi ma hemm ebda ostakolu sabiex tiddeciedi l-ewwel u t-tieni talbiet attrici.

## II. Sintesi tal-provi

**L-attur Antoine Hayem** xehed illi l-kumpannija registrata Malta bl-isem ta` Privajet Limited kienet taghmel immaniggjar u operat ta` ajruplani fit-trasport tal-pubbliku. Kien socjeta` sussidjarja ta` *holding company.* Gewwa Malta huwa d-Direttorat tal-Avjazzjoni Civili fi hdan Transport Malta li jiehu hsieb l-applikazzjoni tar-regoli internazzjonali, u li jivverifika li l-operaturi jkunu qed jimxu skont dawn ir-regoli fil-garr tal-passiggieri. Is-socjeta` kienet tispecjalizza fit-trasport bl-ajru ta` VIPs inkluzi Kapijiet ta` Stat. Is-socjeta` kellha zewg ajruplani specjali : wiehed Boeing ; u l-iehor Airbus : muniti b`kull konfort inkluz *showers* u kmamar tas-sodda. Kellhom *fuel capacity* kbir bizzejjed biex jiehdu passiggiera direttament minn Malta ghal Los Angeles fl-Istati Uniti.

Qal illi is-sid ta` wiehed minn dawn iz-zewg ajruplani kien cittadin Russu ; huwa xtaq li l-*aircraft* tieghu jigi mmaniggjat minn x`imkien iehor. Ried jifforma l-kumpannija tieghu Privajet u ghalhekk gie Malta fejn sar ftehim ma` Transport Malta li tigi ffurmata l-kumpannija. Dan it-tip ta` trasport jiswa` flejjes kbar, u ghalhekk Transport Malta talbu evidenza li jekk ikun hemm tlett xhur ta` operazzjoni minghajr dhul, il-kumpannija xorta wahda jkollha bizzejjed finanzi biex tkompli bl-operat taghha billi thallas ghall-*fuel*, ghall-manutensjoni, u ghall-ispejjez l-ohra.

Spjega li l-konvenut Tulloch kien qal li ser jiehu *a minority stake* fil-kumpannija.

Fisser illi sabiex jinzammu assi go kumpannija fl-UE, hemm certa regoli li jridu jigu osservati, fosthom li jkunu nvoluti cittadini ta` reputazzjoni mill-UE. Cittadin Russu jista` jkollu ajruplan li huwa registrat Malta izda ma jistax ikollu x`jaqsam mal-kumpannija peress li l-ligijiet relattivi ghall-kumpanniji joholqu restrizzjonijiet dwar min jista` jkollu l-ishma.

Qal illi Privajet Limited kienet registrata Malta u l-ishma huma kollha ta` cittadini mill-UE inkluz Tulloch.

Kompla jghid li wara sentejn, kien hemm bzonn li tiggedded l-*operating licence.* Meta jigri hekk isiru hafna *audits* u tkun trid tinghata informazzjoni dwar il-kumpannija, fosthom dwar min hu s-sid ta` l-ajruplan.

Qal illi kienu rcevew *pledge of shares* fuq Privajet u Tulloch.

Huwa staqsa lil Tulloch ghalfejn kien sar dak il-*pledge.* Talbu jnizzel bil-miktub min kien l-*ultimate beneficiary,* taghrif dan li kien tassattiv bil-ligi. Meta talab din l-informazzjoni, Tulloch qallu li kien hu l-*ultimate beneficiary* ; tah l-indirizz tad-dar tieghu go Londra u anke l-kont tat-telephone. Tulloch beda jsaqsi ghalfejn riedu dik l-informazzjoni u huwa wiegbu li dik rikjesta skont regoli tal-awtoritajiet ta` Malta u tal-Istati Uniti.

Ighid illi Tulloch irrifjuta li jghid min kien il-beneficjarju.

Skont informazzjoni li sab, irrizulta li n-negozju ta` Tulloch kien propju li jahbi n-negozju ta` cittadini Russi go Londra.

Kompla jghid illi Tulloch baqa` jirrifjuta li jaghti l-informazzjoni mitluba minkejja li kien obbligu tieghu li jaghtiha.

Qal illi ghamel verifiki ma` Transport Malta u ma` l-Federal Aviation Administration x`jigri f`kaz li din l-informazzjoni ma tinghatax. It-twegiba li kellu kienet is-sospensjoni tal-licenzja.

Ighid rega` talab lil Tulloch biex jghaddilu l-informazzjoni bil-miktub. Meta sab illi Tulloch baqa` ma jirrifjuta, huwa kellu jbiegh l-ishma tieghu fil-kumpannija, ghaliex bis-sospensjoni tal-licenzja, il-valur tal-kumpannija kien ser ikun baxx ferm.

Xehed illi huwa biegh l-ishma tieghu lill-President ta` Angola tramite *the Luxembourg vehicle* ghal nofs il-valur taghhom.

Skont l-attur, dan kollu gara tort ta` Tulloch ghaliex irrifjuta li jiffirma ittra fejn jiddikjara min huwa l-*ultimate beneficiary.*

Sostna illi huwa kien avza lil Tulloch li kien ser ibiegh bit-telf izda l-iehor wiegbu li kienx jinteressah. Ighid illi Tulloch heddu li minghandu ma kien se jirnexxielu jiehu xejn ghaliex kien ser jinvoka l-kwistjoni ta` l-gurisdizzjoni Maltija.

Sahaq illi l-kaz tieghu kien ibbazat fuq ittra wahda li ntbaghtet minn Transport Malta fejn intalab li tinghata l-informazzjoni, li Tulloch irrifjuta li jaghti.

Stqarr illi huwa kien jaf li kien hemm cittadin Russu involut, izda dan kien jiffigura bhala s-sid tal-ajruplan.

Fisser illi s-sid tal-ajruplan ma setax ikun involut fil-kumpannija li topera l-ajruplan, fl-ewwel lok ghaliex hemm regoli li jghidu li l-azzjonisti jridu jkun mill-UE, u fit-tieni lok ghaliex jekk jigri xi haga lill-ajruplan, l-operatur ikun responsabbli quddiem il-Qrati mhix is-sid tal-ajruplan.

Qal illi s-sid tal-ajruplan kien il-Vici Ministru tal-Finanzi tar-Russja. Dan kien qalilhom li ma setax ikun (u lanqas ried ikun) parti fl-operazzjoni ta` l-ajruplan.

Ighid illi huwa ma kienx jaf illi Tulloch kien qed jirrapprezenta cittadin Russu, sakemm f`certu punt ir-Russu ddecieda li jghid li Tulloch kien jirraprezenta lilu.

Spjega illi huwa kien azzjonista tal-kumpannija. Tulloch ghal APV Limited kien azzjonista wkoll. Dan ipprezenta l-*utility bill* bhala prova li APV Limited kienet il-*beneficial owner* ta` l-ishma.

B`riferenza ghad-dokumenti a fol 82 sa 86, spjega li dawn ntbaghtu lil Tulloch u dan irrifjuta li jwiegeb.

Fil-**kontroezami**, l-attur xehed illi huwa sar jaf lir-Russu Vavilov meta kien pilota mal-kumpannija Global Jet. Vavilov, bniedem sinjur hafna, kien avvicinah u qallu li kien jaf li huwa kien se jifforma kumpannija Malta. Vavilov qallu li xtaq li l-ajruplan tieghu jibda jigi gestit minn Malta mhux minn Luxembourg. Vavilov inkarika avukat Amerikan jismu Andrew Ryan li kien jopera minn ufficcju fi 51st Street, go New York. Dan l-avukat kien spjega li kien qed jintalab *air operator certificate* minn Transport Malta. Meta dan ic-certifikat jinhareg seta` jiehu hsieb l-immaniggjar ta` l-ajruplan ta` Vavilov.

Qal illi waqt id-diskussjonijiet ma` Andrew Ryan hareg illi kien impossibbli li Vavilov ikun involut fil-kumpannija peress li kien cittadin Russu, kif ukoll ghaliex ma kienx jaqbillu finanzjarjament li jkun imdahhal, billi jekk l-ajruplan jiggarraf ma kienx fl-interess tieghu li jkun imharrek biex iwiegeb ghal responsabilita`.

Kompla jghid illi sabiex tinghata l-licenzja minn Transport Malta ried ikun hemm prova li l-kumpannija hija sostenibbli finanzjarjament ghal tlett xhur. Fil-kaz ta` ajruplan, kien hemm bzonn spiza ta` €250,000 flimkien ma` €342,000 bhala depozitu.

Qal illi huwa ma kellux dawk il-flejjes. Ghalhekk Vavilov silef €300,000 sabiex tkun tista` tinghata din il-prova u talab li Tulloch jitpogga fil-kumpannija sabiex ikun jista` jara li l-operazzjoni tal-kumpannija tkun miexja sewwa.

Stqarr illi malli rcieva l-flus mislufa, Tulloch kellu johrog mill-kumpannija.

Cahad illi Vavilov kien qatt involut bhala azzjonista.

Fil-fatt saret skrittura ta` self sabiex Privajet tkun iffinanzjata.

L-attur cahad illi kien jaf li Vavilov kien l-*beneficial owner* ta` APV Limited. Tulloch kien li baghat il-*utility bill* sabiex tigi kostitwita l-kumpannija. Ikkonferma li Bruce Gripton jahdem ma` Tulloch & Co, li hija *law firm*. Muri Dok CF1, isostni li ma nghata l-ebda risposta ghad-domanda tieghu dwar min kien il-*beneficial owner*. Fid-dokument kien jidher car li Vavilov qatt ma kien ser ikun il-proprjetarju ta` l-ishma. L-ajruplan kien proprjeta` ta` kumpannija registrata Bermuda. Ighid illi f`certa punt kien sar kumment minn Andrew Ryan lil Vavilov fis-sens li ma kienx jaqbel li biljunarju bhalu jigi espost ghal-ligi penali fil-kaz li jaqa` ajruplan meta kumpannija bhal din forsi taghmel profitt ta` ghaxar miljun Ewro. Kien inghad ukoll lil Vavilov li huwa ma setax ikun azzjonista peress li ma kienx cittadin tal-UE.

Muri l-email datat 30 ta` Novembru 2009 a fol 165 tal-process, l-attur spjega illi Tulloch kien ir-rapprezentant ta` Vavilov fir-rigward ta` l-*aircraft management contract*. Baqa` jinsisti li fl-emails skambjati, kien hemm dejjem l-isem ta` Tulloch, u qatt dak ta` Vavilov. Qal illi sabiex tirregistra ajruplan Malta, kellhom jigu sodisfatti certi kondizzjonijiet. Id-dokumenti esebiti a fol 167 et seq kienu konnessi mar-registrazzjoni ; izda dawn baqghu ma ntuzawx. Sahaq illi l-emails kienu jirrigwardaw il-proprjeta` ta` l-ajruplan mhux dwar l-ishma tal-kumpannija. Tulloch qatt ma rrisponda dwar min kien l-*ultimate beneficiary* peress li kien jaf li dak li qed isir min-naha taghhom kien illegali. Qal illi mhuwiex minnu li Tulloch ma tax dik l-informazzjoni ghaliex kien qed jaghmel il-verifiki tieghu dwar ghaliex kienet qeghda ssir talba bhal dik f`dak l-istadju. Huwa sostna li l-informazzjoni kienet qed tintalab peress li Federal Aviation Administration tal-Istati Uniti wara l-grajjiet tal-11 ta` Settembru 2001 kienet qeghda tinsisti li anke *minority holding* ta` aktar minn 5% kellha tiddikjara taghrif dwar l-identita` ta` l-*ultimate beneficiary*.

Stqarr illi s-sid ta` l-ajruplan ta lil APV self ta` €250,000 bla imghax. Ikkonferma li huwa kien baghat email fejn irringrazzja lil Vavilov ghal dak is-self. Mistoqsi jekk kienx jaf li fis-*sharholders` agreement* ta` Privajet kien indikat illi dak is-self kien obbligazzjoni ta` APV, huwa spjega li sar hekk peress li seta` jinghata avviz ta` xahar biex jinbidel il-*management agreement* u avviz lis-sid ta` l-ajruplan, b`mod illi kien jibqa` bla ebda protezzjoni ghas-self li jkun iffinanzja. Skont is-*shareholders` agreement* ta` Privajet, APV kellha l-obbligu li taghti self lil kumpannija. Meta huwa baghat email ta` ringrazzjament lil Vavilov, ir-ringrazzjament kien dirett lejn Vavilov bhala sid l-ajruplan, mhux ghax dan kien il-*beneficial owner* ta` APV. B`riferenza ghad-Dok 2 esebit, huwa spjega li meta saru d-diskussjonijiet dwar l-idea inizjali li Vavilov jkun azzjonist, huwa kien ghamilha cara li dan ma setax ikun azzjonista. Id-Dok 3 esebit kellu d-data tat-3 ta` Novembru ; hemm kien qed jintalab li Vavilov ikun azzjonist. Fid-Dok 2 li jgib id-data tas-27 ta` Novembru, kien qed jinghad li dak ma setax isir.

Muri Dok 4, fejn Tulloch kien iddikjara li Vavilov kien l-*beneficial owner*, l-attur insista li jara r-risposta li kien ta hu ghal dak id-dokument. Qal illi mhux minnu li kien jaf dak iz-zmien b`dik l-informazzjoni. Mistoqsi kif qatt ma ghaddewlu suspetti li Tulloch kien qed jagixxi ghan-nom tal-klijent tieghu, huwa sostna li ma tantx kien jaf dwar x`tinvolvi r-relazzjoni bejn avukat u klijent tieghu. Mistoqsi jekk jafx li Tulloch ipprezenta l-*utility bill* tieghu ghaliex kien is-segretarju tal-kumpannija, huwa sostna li dik id-domanda ma twassal ghal imkien. Huwa cahad li bbaza l-pretensjoni tieghu fil-kawza tal-lum fuq dik il-*utility bill.* B`referenza ghal Dok 5, Hayem ikkonferma li din kienet *transfer notice* li kien ghamel bhala kundizzjonijiet ghall-bejgh ta` l-ishma, liema *notice* ma kinitx giet accettata minn Tulloch. Mistoqsi kif xahar wara li stabilixxa l-prezz tal-bejgh ta` l-ishma tieghu, huwa talab l-informazzjoni dwar il-*beneficial owner* lil Tulloch, sostna li sar hekk peress li fix-xahar ta` Jannar kienet id-data ta` l-approvazzjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti.

L-attur kien mistoqsi jekk il-ligi ssemmiex li kumpannija jista` jkollha 51% ta` l-ishma li jappartjenu lil cittadini tal-UE, huwa spjega li l-ligi hekk issemmi imma xorta trid tkun taf min huma l-bqija ta` l-azzjonisti. Insista li kellu jkun hemm *disclosure* ta` l-identita` ta` l-azzjonisti l-ohra fil-pussess ta` aktar minn 5% tal-ishma. Mistoqsi jekk kienx intalab jaghti informazzjoni dwar il-49% ta` ishma u min huwa l-*beneficiary* taghhom, huwa sostna li kien obbligat jaghti dik l-informazzjoni, tant li hemm miktub illi fil-kaz ta` bidla fl-azzjonisti, trid tinghata dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet. Mistoqsi jekk kienx hemm xi bdil fl-azzjonisti, huwa sostna li dan kollu sehh ghax ircieva ittra mill-MFSA li l-ishma ta` APV kienu gew *pledged.* Huwa jghid li kien

ha hsieb il-licenzjar Malta ta` l-ajruplan, u kien iddikjara li Tulloch kien il-*beneficial owner* ta` APV.

Hayem qal illi Efgeni Kovalixin huwa l-persuna li kien qed jiehu hsieb li l-ajruplan jitnehha minn Global Jet. Din il-persuna kellha x`taqsam mal-ajruplan, mhux mal-kumpannija. Huwa spjega b`referenza ghal Dok 6 li kien baghat l-email li Vavilov peress li dan l-email jipprecedi dak tat-23 ta` Novembru fejn kien spjegat lil Vavilov li huwa ma setax ikollu x` jaqsam mal-kumpannija.

**<u>Ian Falzon</u>** xehed illi huwa kien Direttur General ital-Avjazzjoni Civili bejn l-2011 u l-2014. Qal illi sabiex kumpannija tigi ffurmata jintalab *due diligence report* li jibqa` sejjer sa *l-ultimate beneficial owners.* Sabiex tigi registrata kumpannija ta` l-ajru, hija mehtiega l-AOC *operating licence.* Il-process jinvolvi li jinghataw id-dettalji ta` l-azzjonisti kollha, *business plans*, taghrif bankarju, u taghrif iehor li jkun necessarju ghall-fini tal-applikazzjoni. Qal illi huma jridu jipprotegu r-reputazzjoni tal-bandiera Maltija u ghalhekk imorru lura ghal min hu l-*ultimate beneficial owner.* Il-legislazzjoni applikabbli hija l-EU Regulation 108/2008. Jekk ikun hemm kambjamenti fl-*ultimate beneficial owner* jew fl-azzjonisti, dik l-informazzjoni trid tinghata. Fil-qasam tal-avjazzjoni civili, hem mil-figura tal-*accountable manager* u hemm *postholders* ohra li huma responsabbli. L-*accountable manager* huwa l-persuna li suppost taf bazikament l-operat kollu.

Kompla jixhed illi l-licenzja tiggedded kull sentejn. Jekk jinqalghu problemi fil-kors tal-operat tal-licenzja, ikun hemm revoka. Muri Dok AH1, huwa spjega li l-kontenut kien japplika fl-2012. Qal illi seta` jkun hemm sospensjoni ta` l-AOC jekk APV Limited ma kinitx taghti l-informazzjoni mitluba.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, huwa stqarr illi d-Direttur Generali prezenti kien George Borg Marks. Mill-verifiki li kienu jsiru, qatt ma nstab li kien hemm xi problema fir-rigward ta` dan il-kaz. Lilu qatt ma kienet attirata l-attenzjoni tieghu mill-attur illi kien hemm xi problemi jew nuqqas ta` ko-operazzjoni. Qal illi d-*due diligence* isir fuq is-*shareholding* kollu. Huma jmorru oltre l-minimu rikjest mil-ligi. Spjega li jekk persuna tallega li kien hemm azzjonisti li mhux mill-UE, din tohloq problemi u tista` ggib is-sospensjoni tal-AOC. Meta jkun hemm 49% li huma azzjonisti mhux mill-UE, id-diffikulta tkun fir-rigward tad-*due diligence* tal-azzjonista. F`kaz bhal dak, il-process ikun aktar bil-mod minhabba verifiki aktar dettaljati li jkunu jridu jsiru. Jekk ajruplan jinbiegh, trid terga` ssir mill-gdid il-procedura tal-

AOC. Fil-kaz tal-lum, ma rrizultax li kien hemm problemi dwar l-*operating licence.*

**<u>Il-konvenut Alastair Tulloch</u>** xehed illi l-professjoni tieghu huwa dik ta` avukat. Huwa socju ta` *law firm* bl-isem Tulloch & Co. Huwa jidher ghal klijent Andrei Petrovich Vavilov fl-investimenti personali tieghu, inkluz APV. L-attur kien pilota impjegat ma` Privajet Limited, u kien ukoll azzjonista ta` Privajet Holdings Limited. Vavilov huwa negozjant Russu. Sar jaf bl-attur tramite d-ditta Global Jet li kienu jiehdu hsieb ic-*chartering* u l-*aircraft management services* ta` Vavilov. L-attur kien impjegat ta` Global Jet. Qal illi Jean Christophe Touret huwa pilota u kien azzjonista ta` Privajet Holdings Limited. APV Limited hija kumpannija registrata fil-Bahamas u hija l-*personal investment vehicle* ta` Vavilov.

Kompla jixhed illi Privajet Limited hija kumpannija registrata Malta b`*Aircraft Operating Certificate* M-12. L-*issued share capital* taghha jappartjeni lil Privajet Holdings Limited, kumpannija ohra registrata Malta. Fit-23 ta` Dicembru 2009, l-ishma ta` Privajet Holdings Limited kienu ta` APV Limited in kwantu ghal 49.92% (624 sehem), tal-attur in kwantu ghal 35.04% (438 sehem) u ta` Jean Christophe Touret in kwantu ghal 15.04% (188 sehem).

Qal illi f`Ottubru 2009, l-attur ippropona lil Vavilov li dan jinvesti fi Privajet u juza l-kumpannija ghall-manutensjoni u *chartering* ta` ajruplan finanzjat jew proprjeta` ta` Vavilov. B`email li baghat fis-7 ta` Ottubru 2009 lil Evgeny Kovalishin (li huwa *senior manager* ta` Vavilov) l-attur qal illi 51% tal-kumpannija kellha tkun kontrollata minn cittadini jew korporazzjonijiet ta` l-EU. Hayem ipprovda *business plan* datat 8 ta` Ottubru 2009 lil Kovalishin. Fit-3 ta` Novembru 2009, Hayem ghamel kuntatt mal-konvenut b`email wara li Vavilov kien talab lill-konvenut sabiex jagixxi f`ismu dwar dan l-investiment. Fis-7 ta` Novembru 2009, Bruce Gripton, *business partner* ta` l-konvenut, baghat l-ewwel abbozz tas-*shareholders` agreement* li fih kien tnizzel illi l-kumpannija l-gdida kellha tkun proprjeta` ta` Privajet Holdings Limited, u li l-attur u Touret kellhom l-*option* li jakkwistaw 15% u 10% rispettivament ta` Privajet Holdings Limited. Hayem wiegeb dakinhar stess fis-sens illi ma kienx qed jaqbel ma` l-abbozz. Huwa wiegeb lil Hayem li Vavilov kien ser jaghti struzzjonijiet godda l-gimgha ta` wara. Hayem wiegeb lil Gripton fit-13 ta` Novembru 2009 billi staqsa jekk kellhomx xi risposta minghand Vavilov.

Kompla jixhed illi fit-28 ta` Novembru 2009, wara li nghata struzzjonijiet minn Vavilov, huwa baghat email lill-attur fejn informah illi

Vavilov kien jippreferi li jkun *minority partner* fin-negozju u ghalhekk baghat abbozz rivedut. Fl-4 ta` Dicembru 2009, Hayem baghtlu email fejn qallu li APV jew korporazzjoni ohra tkun tirrapprezenta 624 sehem li ser ikunu mizmuma minn "*Monsieur*" (b`referenza ghal Vavilov). Fil-11 ta` Dicembru 2009, Hayem baghatlu email fejn gharrfu li kien qieghed Malta biex jikseb l-*Aircraft Operating Certificate* (AOC) u talbu dettalji ta` APV. Fl-istess gurnata, huwa wiegbu b`email fejn baghtlu c-*certificate of incorporation,* il-*memorandum and articles of association,* is-*certificate of incumbency* ta` APV Limited b` *passports and utility bills* ta` Sean Hogan u Alastair Tulloch li kienu ufficjali tal-kumpannija, kopja ta` l-*International and Domestic Passports* ta` Vavilov, kopja ta` licenzji tas-sewqan ta` Vavilov inkluza dik ghal sewqan internazzjonali u s-*certificate of registration of place of residence* ta` Vavilov li kien il-*beneficiary owner.*

Stqarr illi fit-23 ta` Dicembru 2009, kien iffirmat *shareholders` agreement* bejn APV, Hayem, Touret, Privajet Holdings u Privajet Limited. Skont il-ftehim Hayem kellu jagixxi ta` CEO ta` Privajet u kellu jiehu hsieb il-licenzji li kellha bzonn. Qal illi r-relazzjoni bejn Vavilov u Hayem kienet tajba.

Kompla jixhed illi fid-9 ta` Dicembru 2010, l-attur talab ghal *due diligence documentation* ta` Channel Trustees Limited, li kienet ir-*registered holder* ta` ishma ta` APV. Dakinhar stess huwa pprovda b`email l-informazzjoni u cioe` li dik kienet *trustee company* li kienet izomm l-ishma ta` APV *on trust* bhala *trustee* ta` parti mill-*family trust* ta` Vavilov.

Stqarr illi matul l-2010 u 2011, iddeterjorat ir-relazzjoni bejn Hayem, Touret u Vavilov.

Fisser illi fl-20 ta` Marzu 2012, Hayem baghat *transfer notice* lil APV u lil Touret fejn offra li jbiegh l-438 –il sehem tieghu. Billi l-avviz ma kienx jindika l-prezz, kellu johrog *transfer notice* iehor datat 23 ta` Marzu 2012 fejn l-ishma kienu offruti ghall-bejgh ghall-prezz ta` €1,500 kull sehem.

Kompla jghid illi fid-9 ta` April 2012, Hayem talbu informazzjoni dwar il-*final economic beneficiary* ta` APV u ta` Channel Trustees Ltd. Hayem qal illi dik l-informazzjoni kienet ser tkun inkluza fir-rapport li kienet ser tinghata lil Transport Malta. Huwa wiegeb fil-11 ta` April 2012 fejn staqsa ghalfejn kien ser jintbaghat dak ir-rapport, peress li l-kompozizzjoni ta` azzjonisti u tal-bord ta` Privajet Holdings Limited kien jissodisfa r-rekwiziti ta` EU Regulation 2407/92.

Kompla jixhed illi fil-11 ta` April 2012, huwa rcieva risposta fis-sens li r-risposta tinstab fir-Reg 2407/92. Huwa ma wegibx ghall-email.

Stqarr illi fit-12 ta` April 2012, Hayem cempillu li kien hemm offerta sabiex l-ishma ta` APV fi Privajet Holdings jigu akkwistati minn terzi.

Xehed illi fis-17 ta` April 2012, huwa rcieva offerta minn White & Casse ghal VIP Aero (Luxembourg) Sarl. Dik l-offerta wasslet ghas-sospensjoni ta` l-accettazzjoni ta` t-*transfer notice* ta` l-attur fl-4 ta` Mejju 2012, u ghall-bejgh fl-4 ta` Lulju 2012 tal-*issued share capital* ta` Privajet Holdings Ltd lil Beedonia Holdings Ltd bil-prezz ta` €1,500 kull sehem.

Il-konvenut cahad illi kien avza lill-attur illi f`Dicembru 2009 jew f`dati ohra kien l-*ultimate economic beneficiary* ta` APV.

Qal illi huwa kien baghat kopji tal-passaporti ta` Vavilov bhala *beneficial owner* ta` APV.

Stqarr illi kien dejjem car fl-emails tieghu li huwa kien qed jistenna struzzjonijiet minn Vavilov u li huwa kien qed jagixxi ghan-nom tieghu.

Qal illi skont l-emails kien jidher car li ma kienx mis-sewwa dak li stqarr l-attur illi huwa sar jaf li Vavilov kien il-*beneficial owner* ta` APV aktar minn sentejn wara li sar it-trasferiment ta` l-ishma a favur APV.

Qal illi mhux minnu illi l-fatt li Vavilov kien *beneficial owner* ta` APV, dan kien ser jippregudika l-licenzja ta` l-AOC.

Qal illi Privajet xorta wahda kienet fil-maggoranza taghha kkontrollata minn azzjonisti mill-UE. Jekk Hayem huwa korrett meta jghid illi l-AOC ma kellha qatt tinghata lil Privajet billi APV kienet proprjeta` ta` Vavilov, allura l-licenzja kellha tigi kancellata u l-ishma ma kienu jiswew xejn. Il-bejgh tal-ismha sar ghal €1,500 kull sehem. Ma sar l-ebda telf fil-bejgh tal-ismha ghaliex il-bejgh sar b`kemm kienu jiswew, mhux b` telf.

Il-konvenut ippreciza li Dok CF1 huwa dokument li juri l-ftehim li kien hemm bejn Vavilov u Hayem ; u li d-Dok CF 2 huwa prova li Hayem ircieva dokumenti tal-*pledge* ta` *shares* f`Gunju 2011 (mhux f`Ottubru 2011).

Fil-**kontroezami**, il-konvenut xehed illi APV Ltd kellha lil Paul Kitriottis bhala direttur, Channel Trustees Ltd bhala azzjonista, waqt illi huwa kien is-segretarju tal-kumpannija. Channel Tustees Ltd kellha tlett diretturi. Huwa kien wiehed mid-diretturi, is-segretarju, u azzjonista ta` sehem wiehed. Channel Trustees Ltd kienet *trust company* ; l-ishma ma kinux proprjeta` ta` persuna, izda kienu mizmuma *on trust* ghal grupp partikulari jew ghal beneficjarju. Mistoqsi jekk mid-dokumentazzjoni kienx jirrizulta li APV kienet mizmuma minn Channel Trustees u li Channel Trustees kienet mizmuma minnu, il-konvenut spjega li dak mhuwiex il-koncett ta` *trust*. It-*trustee* jiehu hsieb biss l-assi ghal persuna ohra ; mhuwiex il-proprjetarju ta` dawk l-assi. Mistoqsi jekk Hayem kienx jaf li t-*trust company* ma kinitx il-*beneficial owner,* Tulloch wiegeb illi l-attur kien jaf tant li hu stess kiteb li Vavilov kien il-*beneficial owner*.

Il-konvenut jaghmel referenza ghal email ta` Gripton fejn jinghad car li l-*ultimate beneficial owner* ta` l-interess ta` Vavilov kien Vavilov innifsu. Ghamel referenza wkoll ghal email fejn ta d-dettalji ta` APV u ghadda kopja tal-passaporti, licenzji tas-sewqan u prova ta` residenza ta` Vavilov bhala l-*beneficiary owner*. Din l-informazzjoni kollha kienet inghatat lil Hayem qabel sar it-trasferiment ta` l-ishma. Mal-passaport ta` Vavilov kien hemm ritratti ta` uliedu li kienu inkluzi fil-passaport ta` missierhom. Intbaghat ukoll *certificate of good standing* ta` APV. Hayem inghata informazzjoni dwar Channel Trustees Limited madwar sena wara. Meta ntalab taghrif dokumentat dwar APV, ma kienx relevanti f`dak l-istadju li tintbaghat informazzjoni dwar Channel Trustees Ltd. Sahaq illi Hayem kellu bzonn *working capital* u stieden lil Vavilov sabiex jiehu sehem fin-negozju. Kienet APV li ffinanzjat lil Privajet tant li Hayem baghat email ta` ringrazzjament lil Vavilov.

Ighid illi meta rega` ntalab jaghti taghrif dwar APV u Channel Trustees Limited, kien hemm konflitt shih. Hayem cempillu u qallu li min ried jakkwista l-ishma tieghu, ried jakkwista l-ajruplan ta` Vavilov. Kien ghalhekk li ma regax kien mitlub jaghti din l-informazzjoni. U deher illi s-sitwazzjoni kienet giet risolta bil-bejgh. Ikkonferma li *the largest single shareholder* kienet APV. Qal illi fl-2012 ma tax l-informazzjoni immedjatament bhalma kien ghamel qabel, peress li kien hemm certa ostilita` bejn il-partijiet u huwa ried ikun jaf x` kien dan ir-rapport li semma Hayem. Huwa sostna li Hayem deherlu li kellu jinghata kummissjoni talli sab il-bejgh ta` l-ajruplan.

Fisser illi huwa qatt ma qal lill-attur li huwa kien il-*beneficial owner* ta` APV. Din kienet proprjeta` ta` *trust company* u cioe` Channel Trustees. Vavilov ma kellu l-ebda problema li jaghti informazzjoni fis-sens illi t-*trust* kienet tieghu u li huwa kien il-*beneficial owner* ta` l-ishma. Kienet fid-diskrezzjoni tieghu jekk jaghtix informazzjoni dwar il-*beneficial owner*. Huwa kellu l-obbligu li jzomm il-kunfidenzjalita` tal-klijent.

**Andrey Vavilov** xehed illi huwa negozjant Russu. Kien ukoll *First Deputy Minister of Finance* tar-Russja ; membru tal-*Presidential Commission for Modernisation and Technological Development of the Russian Economy* ; membru ta` l-*Moscow International Financial Centre Taskforce* ; *research supervisor* tal-*Institute for Financial Studies* ; u *visiting scholar* fil-*Penn State University* tal-Istati Uniti.

Xehed illi huwa sar jaf lill-attur peress li huwa l-*ultimate economic owner* ta` Boeing 737 BBJ Business Jet li kien immaniggjat minn Global Jet Luxemburg S.A. Hayem kien impjegat ma` Global Jet bhala pilota u kien assenjat ghal dan l-ajruplan. Il-*co-pilot* tal-attur kien Jean-Christophe Touret. Kien Ottubru 2009 meta dawn it-tnejn avvanzawlu proposta sabiex huwa jsir azzjonista ta` *aircraft management company* ibbazata Malta. Inghata *business plan* datat 13 ta` Ottubru 2009. Sar ftehim fejn huwa kien ser jaghti fondi lil Privajet Limited u jiehu 49% tal-ishma ta` Privajet Holdings Limited. Il-ftehim huwa migbur fl-email datat 8 ta` Novembru 2009. Id-decizjoni tieghu kienet illi huwa kellu jkun *minority partner* fin-negozju. Hayem kien jaf sa mill-bidu nett li huwa kien l-*ultimate economic beneficiary* ta` APV Limited. Il-konvenut kien l-avukat tieghu u kellu l-inkariku minghandu illi jirraprezenta l-interessi tieghu, u agixxa dejjem fl-interess tieghu. Stqarr illi ma setax jifhem il-posizzjoni li ha l-attur fil-kawza tal-lum meta kien Hayem stess li ppropona li huwa jkun azzjonista.

**Evgeny Kovalishin** xehed illi huwa cittadin Russu u CEO ta` Asset Management Company Finex Plus LLC. Is-socjeta` tieghu toffri *advisory services* lil Andrey Vavilov. F`Ottubru 2009, huwa kien ikkomunika ma` l-attur, wara li sar ftehim bejn Vavilov u l-attur, fejn Vavilov kien ser jinvesti fil-kumpannija Privajet Holdings Ltd filwaqt li l-ajruplan ta` Vavilov 737 Boeing Business Jet jitpogga taht *management* ta` Privajet Limited. Vavilov ta struzzjonijiet fis-sens illi APV Limited kumpannija li taghha Vavilov huwa l-*ultimate economic owner,* issir *minority shareholder* fi Privajet. Fl-2009/2010, huwa flimkien ma` Oleg Yankelev, Direttur Manigerjali ta` Asset Management Company Finex Plus LLC hadu hsieb l-akkwist minn APV Limited ta` ishma fi Privajet. Qal illi mhuwiex korrett l-attur meta jghid illi

ma kienx jaf li l-*ultimate economic owner* ta` APV Limited kien Vavilov peress li Hayem kien ikkomunika mieghu verbalment dwar dan u anke jirrizulta minn diversa korrispondenza li dan kien jaf. Ikkonferma li l-konvenut huwa avukat imqabbad minn Vavilov biex jirraprezentah ; dan il-fatt kien a konoxxenza ta` kulhadd. Tulloch qatt ma qal - kemm verbalment jew bil-miktub - li huwa kien l-*ultimate beneficiary* ta` APV Limited.

Fil-**kontroezami** kkonferma li Asset Management kienet proprjeta` ta` Vavilov. Hayem kien tkellem ma` Vavilov sabiex jaghmel din il-kumpannija li kienet ser topera l-ajruplani. Privajet kienet ser topera l-ajruplani ta` Vavilov izda setghet topera ajruplani ohra maz-zmien. Il-flus li ghaddew minn APV Limited kienu nvestiment fi Privajet. Meta huwa ltaqa` ma` Hayem, kien diskuss jekk l-ishma kellhomx ikunu fl-isem ta` kumpannija jew fl-isem ta` Vavilov. Il-posizzjoni tal-attur kienet illi din ma kellhiex tkun problema dment illi l-maggoranza ta` l-ishma jkunu mill-UE. L-ishma kienu nzammu fl-isem ta` kumpannija peress li kien aktar konvenjenti legalment li jsir hekk.

**Oleg Yankelev** xehed illi huwa cittadin Russu. Jahdem ma` Asset Management Company Finex Plus LLC li tipprovdi *advisory services* lil Andrey Vavilov. F`Ottubru 2009, huwa sar jaf lill-attur billi kien bdot ma` Globaljet li kienet tiehu hsieb ajruplan 737 BBJ Business Jet li kien *beneficially owned* minn Vavilov. Bejn l-2009 u l-2012, flimkien ma` Evgeny Kovalishin, kienu qed jiehdu hsieb l-akkwist ta` ishma minn APV Limited ta` Privajet Holdings Limited, l-operazzjonijiet ta` Privajet Limited u *charter activities* ta` l-ajruplan ta` Vavilov. Hayem kien jaf sa mill-bidu nett li Vavilov kien *ultimate economic beneficiary* ta` APV Limited.

**Bruce Graham James Gripton** xehed illi huwa avukat u *partner* fil-*law firm* Tulloch & Co sa minn Jannar 2009. Huwa assista lill-konvenut fir-rigward tal-klijent tal-*firm* Vavilov in konnessjoni ma` l-akkwist minn APV Limited ta` *shareholding interest* fi Privajet Holdings Limited. L-attur kien jaf illi Vavilov kien l-*ultimate beneficial owner* ta` APV Limited. Mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li Hayem kien jaf li Tulloch kien qed jagixxi ghan-nom ta` Vavilov. Huwa stess kien ikkonferma f`email esebit bhala Dok 474 illi Vavilov kien l-*ultimate beneficial owner*.

Fil-**kontroezami**, spjega li kellu laqgha fit-12 ta` Novembru 2009 ma` Hayem fejn kienu diskussi c-cirkostanzi tal-ftehim li kien ser jintlahaq ma` Vavilov. Privajet kellha topera zewg ajruplani ta` Vavilov, u Vavilov kien ser ikun azzjonist. Ghal ragunijiet ta` taxxa, Vavilov inghata parir li l-azzjonista tkun APV Limited. Ghall-protezzjoni ta` l-assi, huwa normali li l-azzjonisti

jkunu kumpanniji. Inizjalment minflok APV kien ser ikun hemm kumpanija bl-isem ta` Privajet Investments Limited li kienet registrata fil-British Virgin Islands.

**Jean-Christophe Touret** xehed illi huwa cittadin Franciz u huwa bdot tal-ajruplani. Fil-harifa tal-2008 kien avvicinat mill-atturm bdot bhalu, ghal parir dwar kif jikseb il-European Aircraft Operating Certificate (AOC). Dak iz-zmien, l-attur kien impjegat ma` Globaljet u kien pilota ta` Vavilov fuq ajruplan ta` dan stess. Huwa tah il-parir li kien jehtieg. F`Marzu 2009, l-attur, li ma setax ufficjalment jidher peress li kien impjegat ta` Globaljet, ippropona lilu biex ikun l-amministratur u azzjonista ta` Privajet Holdings Ltd u ta` kumpannija sussidjarja taghha Privajet Limited. Kien propost lilu illi huwa jiehu hsieb il-*flight operations* u t-tahrig waqt illi l-azzjonisti l-ohra ta` Privajet jkunu l-attur u Vavilov. F`email tat-8 ta` Novembru 2009 li l-attur baghat lill-konvenut, u li kienet ikkopjata lilu u lil Vavilov, kien indikat kjarament illi Vavilov kien ser ikun azzjonista fil-kumpannija.

Kompla jixhed illi Vavilov permezz tas-socjeta` tieghu APV Limited akkwista 49.9% mill-ishma ta` Privajet f`Dicembru 2009. Hayem kien jaf li l-*ultimate economic beneficiary* ta` APV Limited kien Vavilov. Meta f`Marzu 2012, Hayem kien ipprezenta *transfer notice* sabiex jaghti l-opportunita` lill-azzjonisti l-ohra sabiex jixtru l-ishma tieghu, Vavilov kien talbu jikkomunika ma` Transport Malta - Civil Aviation Directorate - sabiex jipprezenta progett ta` xiri ta` l-ishma ta` Hayem fi Privajet, jew alternattivament, progett b` kumpannija gdida ta` l-avjazzjoni sabiex tiehu post Privajet minn l-*aircraft management company* konnessa ma` l-ajruplan ta` Vavilov. Bil-proposti tieghu, Vavilov kien ser ikun *minority shareholder* b`49.9% ta` l-ishma. Ikkonferma li l-konvenut dejjem agixxa bhala avukat ta` Vavilov.

Fil-**kontroezami** stqarr illi fil-kaz li persuna ma tkunx cittadina ta` l-UE ikollha 49% ta` l-ishma, dik ma tkunx problema peress li l-importanti huwa li l-maggoranza ta` l-ishma jkunu kontrollati minn cittadini ta` l-UE. Qal illi l-attur kien talab lil Vavilov sabiex jipprovdi ajruplan lil Privajet sabiex jigi mmaniggjat u operat minnha. Vavilov ipprovda fondi sabiex jigu uzati ghall-operazzjoni ta` l-ajruplan. Qal illi APV hija kumpannija ta` Vavilov ; l-isem tal-kumpannija huma l-inizjali tal-isem u tal-kunjom ta` Vavilov. Qal illi ma jafx li kien hemm suggeriment li minflok APV Limited kienet ser ikun hemm BVI Limited. Kulma jiftakar huwa li kien intbaghat anke kopja tal-passaport ta` Vavilov. Huwa kkonferma li kien lest li jixtri l-ishma ta` l-attur bil-prezz li stabbilixxa l-attur stess. Huwa tkellem ma` l-awtoritajiet Maltin biex jara jekk ikunx hemm problemi biex tinhareg AOC. Meta kien ser jixtri l-ishma ta` Hayem, huwa kien ser jinghata l-flus minn Vavilov. Qal illi ma jafx ghaliex Vavilov ma akkwistax l-ishma ta` Hayem

tramite APV Limited. It-trasferiment ma rnexxiex ghaliex l-attur irrifjuta li jbiegh. Transport Malta kienet taf illi s-sid ta` APV Limited kien Vavilov u mhux il-konvenut.

## III. Risultanzi

### 1) Konflitt ta` provi

Il-pern tal-azzjoni attrici hija l-pretensjoni illi tort tal-konvenut huwa kien kostrett ibiegh u jittrasferixxi, malajr u ghal valur inqas minn dak reali, l-ishma kollha li kellu l-attur fis-socjeta` Privajet Holdings Limited.

Fil-kors tal-gbir tal-provi, il-Qorti kienet rinfaccjata b`verzjonijiet kontrastanti ghall-ahhar, u dwar il-kwistjonijiet centrali tal-kawza, bi stqarrijiet ghal kollox opposti ghal xulxin. Min-naha l-wahda, l-attur isostni li kkontratta d-dhul tieghu fis-socjeta` abbazi tal-informazzjoni illi l-konvenut ma kienx biss direttur tas-socjeta` APV Limited, izda kien ukoll l-*ultimate economic beneficiary* ta` l-istess socjeta`, meta fil-verita` rrizulta in segwitu illi l-*ultimate economic beneficiary* kien Andrey Vavilov cittadin Russu u allura barra mill-UE. Minhabba f`hekk, kien hemm riskju serju u imminenti illi Privajet Limited (li fiha Privajet Holdings Limited kellha l-ishma kollha hlief wahda) kienet sejra titlef il-licenzji kollha biex topera fil-qasam tal-avjazzjoni civili. Ghalhekk l-attur jikkontendi illi kellu jibda process mghaggel sabiex jittrasferixxi lil terzi l-ishma tieghu fis-socjeta` bil-konsegwenza li garrab danni kbar. Min-naha l-ohra, il-konvenut laqa` ghall-pretensjoni attrici b`verzjoni opposta fis-sens illi matul in-negozjati li saru qabel il-ftehim, kif ukoll fil-komunikazzjonijiet skambjati, kien car u inekwivoku illi huwa ma kienx is-sid ta` APV Limited izda kien ir-Russu Vavilov li tieghu l-konvenut kien l-avukat.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**Xuereb et vs Gauci et**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

(ara wkoll : "**Bugeja vs Meilak**" – **PA/TM** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**" – **PA/PS** – 28 ta` Mejju 2003 ; "**Farrugia vs Farrugia**" – **PA/CC** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/PS**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**Ciantar vs Curmi noe**" kien precizat hekk –

*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

(ara wkoll : "**Camilleri vs Borg**" – **Appell Civili** – 17 ta` Marzu 2003 ; "**Zammit vs Petrococchino**" – **Appell Kummercjali** – 25 ta` Frar 1952 ; "**Vassallo vs Pace**" – **Appell Civili** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk :-

*... Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili m'huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f'kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*... Izda dak li jghodd f'kawza m'huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f'kawza ... certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f'kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettiv ta' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li*

*jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m'ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista' toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**<u>Joseph Tonna vs Philip Azzopardi</u>**" inghad hekk :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-*

*regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

**2) <u>L-inaffidabilita` tal-verzjoni tal-attur</u>**

Il-Qorti hija tal-fehma konsiderata illi l-verzjoni tal-attur mhijiex affidabbli fl-assjem taghha. Tghid dan wara illi sabet illi abbazi tal-provi migbura rrizulta li l-attur kien jaf mill-bidu nett illi Andrey Vavilov kien *the ultimate economic beneficiary* ta` APV Limited.

**a) <u>L-iskambju ta` emails</u>**

**i) <u>bejn Evgeny Kovalishin u l-attur</u>**

Esebiti a fol 110 tal-process hemm emails skambjati fis-7 ta` Ottubru 2009 bejn Evgeny Kovalishin u l-attur.

Jirrizulta li kienu qed isiru diskussjonijiet ma` persuni li kienu impjegati ta` Vavilov sabiex tinghata informazzjoni dwar kemm kien accettabbli bhala persentagg ta` ishma li Privajet Holdings ikollha proprjetarji li ma kinux cittadini membri ta` l-UE.

Fl-iskambju jissemma illi "*the ultimate beneficiary ownership of the Privajet Holdings can be foreign only up to 49% (i.e. at least 51% should belong to EUR national)*" kif ukoll illi "*we indeed need a EU citizen accountable manager and a 51% control of the holding company by EU citizen or established corporation*".

**ii) <u>bejn l-attur u l-konvenut</u>**

Mill-emails skambjati bejn il-kontendenti, jirrizulta illi l-konvenut kien qed jagixxi bi struzzjonijiet ta` Vavilov.

Fit-3 ta` Novembru 2009, l-attur baghat email lill-konvenut (esebit a fol 484) fejn spjega li l-pjan originali kien li Vavilov ikun l-uniku azzjonista tal-holding company izda mbaghad il-pjan inbidel sabiex ikun hemm aktar azzjonisti fil-holding company :

*"As I explained yesterday, the initial view of Monsieur V was to be sole shareholder of the holding company, and thus of the trading company. We would have set some protections for the 2 founders of the company, but it seems now that we also could be shareholders of the holding (Jean-Christophe Touret and I)."*

Fl-email kien propost illi " *… we could include a clause in the Articles of the company stating that when the first objective has been achieved, you will transfer 25% of your shareholding (as Monsieur V "nominee shareholder" to the founders of the company at nominal value."*

B`email tas-7 ta` Novembru 2009 (fol 125), il-konvenut kiteb lill-attur, wara li dan infurmah b`email ta` l-istess data, illi l-abbozz tal-ftehim kien inbidel u ma kienx hekk kif kien gie diskuss. Tulloch qallu illi "*Andrei Vavilov will be providing me with instructions early next week and once I have spoken to him, I will revert. The draft Bruce sent to you was based on your discussions with me, so I am a little puzzled, but let us see what Andrei has in mind."*

Tant kien konsapevoli l-attur li Vavilov kien il-pern ta` kull decizjoni li seta` jiehu l-konvenut jew il-*law firm* tieghu illi ftit tal-jiem wara, l-attur baghat email lil Bruce Gripton, partner ta` Tulloch, sabiex jara jekk kienx hemm risposta minghand Vavilov (ara l-email datat 13 ta` Novembru 2009 esebit a fol 144).

Jigi rilevat illi fit-8 ta` Novembru 2009, l-attur baghat email lill-konvenut (b`kopja lil Vavilov u lil Touret) fejn spjega li kien huwa stess li ghamel kuntatt ma` Vavilov sabiex jaslu fi ftehim dwar il-progett :-

*"In the meantime, the day Mr V announced to his crew that he planned on leaving Global Jet, I took the decision to expose our project to him. … Let`s make it very clear, we are not hunting Mister V`s money … He approached Mister V for the shortcut this would represent for both parties … Privajet*

*would have therefore needed a 500K EUR investment without Mr V`s decision to join, bringing in his aircraft."*

Fl-istess email, l-attur jaghmilha cara illi Vavilov kien ser ikun involut bhala azzjonista stante li kien ser ikollu *potential results as a shareholder :*

*"The introduction of Privajet to Mr V was basically : "if you bring an airplane while this company is starting up, the charges are the same for you but represent a big ease for the company. In return, the company can be partially yours, giving you access to the financial datas for more transparency, and your aircraft can get better revenues. You gain from 1/being sure to have a rigorous financial management; 2/a better exposition of your airplanes on the market; 3/ potential results as shareholder."*

F`email ta` wara, dik bid-data tat-28 ta` Novembru 2009, (ara fol 145) il-konvenut rega` ghamilha cara li Vavilov kien involut u li huwa kien qed jirrapprezenta l-interessi tieghu. Tant huwa hekk illi jinghad :-

*"I believe that Andrei Vavilov mentioned briefly that he would prefer to be a minority partner in the business and that the focus of his interest is the chartering out of his aircraft. I have accordingly amended the agreement to reflect his thinking and he suggested that I pass this to you for your review."*

Ma` dan l-email kien hemm *attachment* u cioe` l-abbozz a fol 146 et seq li kien jirrelata propju dwar Privajet Holdings Limited u Privajet Limited.

L-attur qies dan l-email tant li wiegeb fit-30 ta` Novembru 2009 a fol 165 u qal illi kien ser jara l-abbozz.

Kien hemm email iehor bid-data tal-4 ta` Dicembru 2009 (a fol 163).

Hemm l-attur jispjega illi kien talab lil certa Maria biex tipprepara is-*share transfer* u li kien hemm bzonn is-segwenti dokumentazzjoni ossija : M & As ; good standing certificate u bank reference indirizzata lil MFSA u ohra indirizzata lil l-istess Maria ; fir-rigward ta` *"APV or any corporation/person that will represent the 624 shares held by Monsieur."*

Irrizulta minn emails precedenti illi l-attur kien jirreferi ghal Vavilov bhala "*Monsieur*" u ghalhekk f`din l-email fejn kien qed jigi diskuss proprju t-

trasferiment ta` ishma, hemm referenza illi 624-il sehem kienu finalment ta` Vavilov.

Rinfaccjat b`tant emails li ghal din il-Qorti jikkwalifikaw bhala *res ipsa loquitur* l-attur jirribatti billi jghid illi l-kontenut ta` dawk l-emails kien jirrigwarda l-proprjeta` ta` l-ajruplan li kien ser ikun operat minn Privajet u ma kellu x`jaqsam xejn mal-kumpanniji u mal-formazzjoni taghhom.

Madanakollu kif jidher mill-abbozzi ta` ftehim u mill-emails, kollox kien jirrelata ma` l-ftehim dwar Privajet Holdings Limited u Privajet Limited.

L-allegazzjonijiet tal-attur ma kienu korraborati bl-ebda prova ohra.

B`email tal-11 ta` Dicembru 2009 (fol 167), l-attur talab lill-konvenut u lil Oleg Yankelev ghal dettalji dwar APV Limited ; talab li jkun jaf min kien il-*final beneficial holder* ; dan kollu billi kien qed jimla` l-applikazzjoni rikjesta mill-awtoritajiet Maltin dwar l-Aircraft Operating Certificate (AOC) u cioe` il-licenzja mehtiega ghall-*operations* fil-kamp tal-avjazzjoni civili.

Kien hemm risposta ghal dan l-email fil-11 ta` Dicembru 2009. Wiegeb il-konvenut billi qal hekk :-

"*Herewith corporate details including copy passports of beneficial owner.*" (fol 168).

Ma` dan l-email intbaghat kopja tal-passaport internazzjonali u domestiku ta` Vavilov (fol 169 sa 173), kif ukoll il-licenzji tas-sewqan ta` l-istess(fol 174 sa 176).

Ma` dan l-email intbaghat ukoll *certificate of good standing* ta` APV Limited fol 177 ; il-*memorandum* u *articles of association* ta` APV Limited (fol 178 et seq) ; *certificate of incumbency* (fol 199) ; kopja tal-passaport u *utility bill* ta` l-konvenut (fol 200 u 201) bhala *company secretary* tal-kumpanija ; *certificate of incorporation* (fol 202) ; u passaport u dokument iehor relatat ma` certu Logan (fol 203 u 204) li ntbaghtu bi zball peress li d-direttur ta` APV Limited kien certu Paul Kythreotis (dan l-izball gie notat ukoll minn Tulloch waqt il-kontroezami li sarlu).

L-attur isostni illi skont din l-informazzjoni kien jirrizulta li l-konvenut kien l-*ultimate beneficiary* ta` APV Limited billi nghata passaport u *utility bill* ta` l-konvenut.

Madanakollu il-Qorti tqis din il-pretensjoni tal-attur bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Il-Qorti tistaqsi :

Xi skop kien hemm li jintbaghtu l-passaporti u l-licenzji tas-sewqan ta` Vavilov ?

Ma setax ikun ghall-attur li jikkonkludi li dawk id-dokumenti kienu rilevanti ghaliex kien l-*ultimate beneficiary* ta` APV Limited ?

Il-Qorti tara li l-iskop ta` l-email kien car.

Id-dokumenti trasmessi kienu relatati.

L-atturi jipprova jsostni li kien jaf biss li Vavilov kien il-proprjetarju ta` l-ajruplan.

Din il-Qorti tiskarta bhala inverosimili din l-istqarrija tal-attur.

Jidher illi d-dokumenti ntbaghtu b`relazzjoni ma` l-applikazzjoni ghall-AOC.

Min-naha tieghu jidher illi l-konvenut dejjem baghat l-informazzjoni rikjesta.

Il-Qorti tirrimarka illi l-attur ittenta jistahba wara l-fatt li l-konvenut ma baghatx informazzjoni dwar Channel Trustees Limited li kienet l-azzjonista ta` APV Limited.

Madanakollu l-attur ma talabx din l-informazzjoni ma ntalbitx f` dak l-istadju. Ghalhekk il-konvenut ma ghamel xejn hazin li ma baghatx dik l-informazzjoni.

In segwitu meta ntalbet dik l-informazzjoni, il-konvenut baghat id-dettalji ta` l-kumpannija (fol 227).

Jidher evidenti illi d-dettalji ta` Vavilov kienu ntbaghtu ma` l-email tal-11 ta` Dicembru 2009.

Din il-Qorti tirrimarka :

Jekk l-attur b`xi mod kellu xi dubbji ghalfejn intbaghtu d-dokumenti ta` Vavilov, kien messu talab spjegazzjoni, u mhux assuma (kif qed isostni) li l-beneficjarju ta` APV Limited kien il-konvenut.

Jekk tassew l-attur fehem hazin, allura din il-Qorti tghid illi l-konvenut ma setax jigi mputat b`responsabilita` ladarba l-posizzjoni tal-konvenut de proprio kienet cara mill-bidu nett.

Din il-Qorti mhijiex *in fondo* konvinta li l-attur kien zbaljat jew fehem hazin l-informazzjoni mghoddija lilu.

Din il-Qorti tghid illi l-attur ried li l-procedura biex jottjeni l-AOC tkun wahda *"smooth"* : kif ighid fl-email tieghu ; ghalhekk kien aktar facli ghalih li jsemmi cittadin ta` l-UE, milli cittadin ta` *third country.*

**iii) <u>bejn l-attur u Bruce Gripton</u>**

Jidher minn email tat-13 ta` Novembru 2009 (fol 475) li Gripton kien informa lill-attur illi huwa kien ghadda l-abbozz tal-ftehim lil Vavilov u li dan kellu jiehu ftit taz-zmien biex jikkonsidrah.

B`risposta ghal dan l-email, l-attur fis-26 ta` Novembru 2009 informa lil Gripton li kien iltaqa` ma` Vavilov go Dallas u li kien anke kellmu bit-telefon fejn qallu :-

*"Apparently he was about to give Mr Tulloch some news and indications about our project. He asked me to go ahead with all necessary actions regarding Privajet."*

Fl-istess email kien mitlub li jinghata informazzjoni dwar il-*final beneficiary* ta` l-ishma tal-kumpannija peress li din kienet mitluba mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni civili.

Gripton wiegeb b`email a fol 474 fejn stqarr kjarament illi l-*ultimate beneficiary owner* kien Vavilov. Ighid :-

*"Mr Vavilov did speak to Alistair Tulloch yesterday and we are revising the agreement. Alistair is meeting Mr Vavilov next week to discuss the revised draft and we will send it on to you when Mr Vavilov has approved it … We haven`t finalised our proposed ownership structure, but it is intended that the ultimate beneficial owner of Mr Vavilov`s interest will be Mr Vavilov himself and that he will have 100% of that interest. I attach a copy of his passport."*

Tant kienet cara r-risposta ghall-kwesit tal-attur dwar min kien l-*ultimate beneficiary* illi Gripton baghat kopja tal-passaport ta` Vavilov.

**iv) <u>bejn l-attur u Oleg Yankelev</u>**

Fl-email (a fol 224) li baghat lil Oleg Yankelev u lil Andrey Vavilov, l-attur *inter alia* jirreferi ghall-fatt li fir-rigward ta` Privajet, is-*shareholders agreement* kien f`idejn il-konvenut, u kien jaghti lil APV Limited 624 *shares* mill-1250 sehem tal-*holding company*. Ighid :-

*"In the meantime, please allow me to "end the year" with a little update for Privajet : 2009 will now be over, a good opportunity to check what has been done, and what needs to be done.*

- *The shareholder`s agreement has been signed by all parties on December the 24th. Mister Tulloch has 3 originals in hand.*
- *The share transfer agreement, giving APV 624 shares out of 1250 shares of the Holding company is singed (dec 23rd). The related resolution is ready to be registered in Malta…."*

Il-Qorti tistaqsi :

Li kieku Vavilov ma kienx il-beneficjarju ta` APV Limited, x`raguni kellu l-atturi li jibghat email b`daqstant dettal dwar trasferiment ta` ishma lil Vavilov u Yankelev ?

**v) <u>bejn l-attur u Andrey Vavilov</u>**

B`email tas-7 ta` Jannar 2010 li baghat lil Vavilov (fol 226) l-attur jirringrazzja lil Vavilov ghall-flus li Privajet irceviet minghand APV Limited :

*"Good morning Monsieur,*
*Privajet received the funds from APV.*
*We wanted to thank you for your trust."*

Skont il-ftehim tat-23 ta` Dicembru 2009 (fol 207 et seq) :-

*"2.1 APV shall lend EUR 250,00 to Holdings within 7 days of the signature of this Agreement and Holdings shall use such amount to subscribe to additional shares in Privajet so that Privajet has an issued share capital of EUR 250,000.*

*2.2 No interest shall be payable on this loan and APV may require repayment of the loan from Holdings at any time after the second anniversary of this Agreement …"*

Jirrizulta illi s-self inghata minn APV Limited lil Privajet. Hekk jikkonferma d-dokument tal-Bank of Valletta plc esebit a fol 481.

Fil-fehma tal-Qorti, l-attur jikkontradici lilu nnifsu. Jekk ghalih l-*ultimate beneficiary* ta` APV Limited kellu jkun il-konvenut, ma kienx ikun hemm skop min-naha tieghu li jirringrazzja propju lil Vavilov ghall-flus ; se mai kien messu rringrazzja lill-konvenut ladarba skont l-attur allegatament inghata x`jifhem li l-beneficjarju ta` APV Limited kien il-konvenut.

**b) <u>Is-*share transfer notice*</u>**

Meta l-attur gie biex ibiegh l-ishma tieghu huwa ndika l-valur taghhom. Kienet ipprezentata s-*share transfer notice* (fol 240 et seq).

Mill-korrispondenza skambjata wara bejn il-partijiet, il-konvenut b`inkariku ta` Vavilov jistaqsi lill-attur ghal aktar dettalji dwar l-intenzjoni tieghu :

*"Following the attached transfer notice, Andrey Vavilov asked me to make contact with you, with a view to us discussing on the telephone or in person what are your aspirations and whether ther is ground for negotiation of the price at which you wish to sell your shares ?"* (fol 243)

Jidher li wara li ntbaghtet it-*transfer notice* fl-ahhar jiem ta` Marzu 2012, l-attur baghat ittra lill-konvenut (fol 259) fejn talab li jinghata l-ismijiet, l-indirizzi u c-cittadinanza ta` kull *final economical beneficiary* ta` APV Limited u ta` Channel Trustees Limited peress li dik l-informazzjoni kienet ser tkun inkluza f`rapport li kien ser jintbaghat lic-Civil Aviation Directorate – Transport Malta. L-ittra waslet wara li beda jinholoq disgwid bejn l-azzjonisti, kif jidher mill-emails a fol 245 sa 258 tal-process.

L-attur jishaq illi l-konvenut ma ghaddielux l-informazzjoni li talab minnu.

Din il-Qorti mhijiex tara li l-imgieba tal-konvenut wara li ntalab dik l-informazzjoni tghin jew issostni l-istanza tal-attur.

Fl-ewwel lok, l-attur kien diga` nghata dik l-informazzjoni sa mill-bidu tan-negozju.

Fit-tieni lok, tenut kont tax-xenarju ta` divergenzi li kienu nibtu, il-konvenut gustament wiegeb fil-11 ta` April 2012 (fol 260) billi talab ir-raguni ghala kien qed tintalab dik l-informazzjoni f`dak l-istadju ; talab ukoll l-abbozz tar-rapport li kien ser jintbaghat lil Transport Malta. Tajjeb jigi rilevat illi r-risposta ta` l-attur kienet semplicement illi r-risposti ghall-kweziti ta` l-attur kienu jinsabu fl-UE Regulation 2407/92 (fol 260) ; u baqa` ma ghaddiex kopja tar-rapport li kien allegatament ser jibghat. Jigi notat illi l-konvenut, wara l-email ta` l-attur tal-11 ta` April 2012 (fol 260), kien rega` kkomunika mal-attur aktar tard fl-istess data (fol 83) u talbu jispjega f`aktar dettal x kienet tghid l-EU Regulation 2407/92. L-attur baghat ittra fit-12 t`April 2012 (fol 85) bla ma baghat l-abbozz tar-rapport li allegatament l-attur kien ser jibghat lil Transport Malta. Din l-ittra kienet segwita b`*reminder* lill-konvenut da parti tal-attur biex jibghat l-informazzjoni (fol 261) izda l-konvenut baqa` ma rrispondiex peress li fil-frattemp sar jaf

minghand l-attur stess (ara t-traskrizzjoni tal-kontroezami tal-konvenut) illi kienet se ssir proposta ta` akkwist tal-ishma minn terzi, liema offerta kellha tikkuntenta lil kull min kien interessat. Jidher anke mid-dokumenti a fol 264 et seq illi ftit tal-jiem wara li saret it-talba ghall-informazzjoni, saret offerta valida ghal trasferiment minn VIPAero (Luxembourg) Sarl u li kienet segwita bi ftehim.

**c) <u>Konsiderazzjonijiet ohra</u>**

L-attur isostni li huwa kellu l-obbligu li jaghti l-informazzjoni dwar l-*ultimate economic beneficiary* ta` APV Limited billi kien marbut jaghmel hekk bil-legislazzjoni ezistenti.

In sostenn ta` dan l-attur ipprezenta ittra datata 12 ta` Frar 2014 (fol 388) li jidher li kienet risposta ghal ittra li baghat l-attur stess fis-7 ta` Frar 2014 (fol 401).

Dawn l-ittri ntbaghtu fil-mori ta` l-kawza evidentement sabiex l-attur ikollu prova tar-ragun li kellu sabiex jitlob l-informazzjoni lill-konvenut fl-2012.

Madanakollu, kif irrizulta mill-istess korrispondenza, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur kien ilu jaf li kellu bzonn ikun jaf dwar min kien il-beneficjarju ta` APV Limited, liema beneficjarju baqa` l-istess mill-bidu ta` l-applikazzjoni li kien issottometta hu stess.

Il-Qorti taghmel riferenza ghal **<u>EU Regulation 1008/2008</u>** li tistabilixxi ***common rules for the operation of air services*** fl-UE.

**<u>Art 4</u>** ighid :-

***<u>Conditions for granting an operating licence</u>***

*An undertaking shall be granted an operating licence by the competent licensing authority of a Member State provided that :*

*(a) its principal place of business is located in that Member State ;*

*(b) it holds a valid AOC issued by a national authority of the same Member State whose competent licensing authority is responsible for granting, refusing, revoking or suspending the operating licence of the Community air carrier ;*

*(c) it has one or more aircraft at its disposal through ownership or a dry lease agreement ;*

*(d) its main occupation is to operate air services in isolation or combined with any other commercial operation of aircraft or the repair and maintenance of aircraft ;*

*(e) its company structure allows the competent licensing authority to implement the provisions of this Chapter ;*

*(f) Member States and/or nationals of Member States own more than 50 % of the undertaking and effectively control it, whether directly or indirectly through one or more intermediate undertakings, except as provided for in an agreement with a third country to which the Community is a party ;*

*(g) it meets the financial conditions specified in Article 5 ;*

*(h) it complies with the insurance requirements specified in Article 11 and in Regulation (EC) No 785/2004 ; and*

*(i) it complies with the provisions on good repute as specified in Article 7.*

L-**Art 2(9)** jaghti tifsira ta` "***effective control***" billi jghid illi din hija :
*"a relationship constituted by rights, contracts or any other means which, either separately or jointly and having regard to the considerations of fact or law involved, confer the possibility of directly or indirectly exercising a decisive influence on an undertaking, in particular by :*

*(a) the right to use all or part of the assets of an undertaking ;*

*(b) rights or contracts which confer a decisive influence on the composition, voting or decisions of the bodies of an undertaking or otherwise confer a decisive influence on the running of the business of the undertaking."*

Skont ir-Regolament, jidher li huwa necessarju li l-kriterju skont l-Art 4(f) ma jigix awtomatikament sodisfatt billi jkun hemm aktar minn 50% tas-socjeta` li tappartjeni lil stati membri jew lil cittadini ta` stati membri tal-UE. Irid ukoll ikun sodisfatt li dawn ghandhom *effective control* tas-socjeta`.

Huwa minnu li kif tistipola d-disposizzjoni 8(5)(c), *a Community air carrier shall notify the competent licensing authority … within 14 days of any change in the ownership of any single shareholding which represents 10 % or more of the total shareholding of the Community air carrier or of its parent or ultimate holding company* kif ukoll illi skont id-disposizzjoni 9(4) *the competent licensing authority shall suspend or revoke the operating licence if the Community air carrier knowingly or recklessly furnishes the competent licensing authority with false information on an important point.* Madanakollu fil-kaz tal-lum din il-Qorti hija ben konvinta li l-attur sa minn dejjem kien jaf li l-*ultimate beneficiary* kien Vavilov, u li dan kien cittadin Russu, u li sempliciment ghadda informazzjoni li kienet tissodisfa r-rekwiziti necessarji biex jinhargu l-appoziti licenzi. Meta s-sitwazzjoni ma baqghetx ideali, huwa talab informazzjoni f`sitwazzjoni fejn bejn l-azzjonisti bdew dehlin suspetti u dan sabiex jipprova jiehu vantagg minn dak li kien ilu jaf bih. Dak li pprova jaghmel l-attur kien illi jittenta jiehu vantagg minn turpitudni li kien ilu jaf biha, imgieba li ma tistax taghti lill-attur drittijiet li jippretendi li ghandu. Ghalhekk il-Qorti tasal biex tghid illi l-attur ittenta jiehu vantagg minn kull sitwazzjoni : meta kien jaqbel ghall-interessi tieghu, jidher li ma zvelax lill-awtoritajiet min kien il-beneficjarju ta` APV Limited ; meta kien jaqbel lilu li jaghmel pressjoni fuq l-azzjonisti l-ohra, beda jitlob bil-miktub informazzjoni li kien diga` jaf sabiex ikollu lieva meta jigi biex ibiegh l-ishma tieghu.

Din mhix konkluzjoni fondata fuq kongetturi izda tikkostitwixxi apprezzament tal-fatti kif johorgu mill-assjem tal-provi.

Lanqas ma hija din il-Qorti konvinta li kien hemm xi biza` serju u gravi ta` revoka tal-AOC. Ix-xhud Ian Falzon, li kien Direttur General ital-Avjazzjoni Civili, stqarr illi f`kazi bhal dawk lamentati mill-attur, seta` jkun hemm sospensjoni ta` licenzja, sakemm il-kwistjoni tigi risolta, u sakemm tinghata d-dokumentazzjoni mehtiega.

Ir-rikorrenti jibbaza l-argumenti tieghu fuq il-fatt li mic-certifikati u dokumentazzjoni esebita mar-rikors guramentat kien jidher li l-azzjonista ta` APV Limited kienet Channel Trustees Limited u li l-azzjonista ta` din tal-ahhar kien il-konvenut ; *ergo* – skont l-attur - Tulloch kien l-*ultimate beneficiary.* Madanakollu minn ezami tal-assjem tal-fatti dokumentati, jirrizulta ampjament ippruvat illi qatt ma kien hemm habi fl-istadji inizjali ta` n-negozju fis-sens illi l-beneficjarju ma kienx Vavilov. Il-provi fil-preponderanza taghhom juru li Vavilov il-hin kollu *the ultimate beneficiary.* Barra minn hekk huwa car li Channel Trustees Limited hija *a trust company*

u ghalhekk il-persuna li tkun qed tidher tkun qed tidher ghal haddiehor ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. L-informazzjoni li l-attur kellu ghad-disposizzjoni tieghu ma kienet thalli l-ebda dubju kwalsiasi : il-beneficjarju kien Vavilov li kien rapprezentat mill-konvenut li kien l-avukat tieghu.

Finalment. Irrizulta li kien l-attur li ffissa l-prezz tal-ishma tieghu. It-*transfer notice* ghadda jiem qabel ma` l-attur beda jitlob informazzjoni lill-konvenut dwar l-*ultimate beneficiary* ta` APV Limited u Channel Trustees Limited. Ghalhekk l-attur stabilixxa l-prezz tal-ishma liberament qabel il-konvenut irrifjuta li jghaddilu l-informazzjoni li l-attur talab. *Jista` jkun* li l-attur kien ikollu argument li kieku l-ewwel giet skambjata l-korrispondenza bejn il-kontendenti dwar it-talba ghall-informazjoni dwar il-beneficjarju ta` APV Limited u Channel Trustees Limited, u wara l-attur hareg is-*share transfer notice*. Li kieku dak kien ix-xenarju, l-attur *seta` forsi* jgib `il quddiem l-argument li bl-informazzjoni "mankanti" kien hemm biza` ghalih u ghalhekk baxxa l-prezz tal-ishma. Madanakollu fil-kaz tal-lum, il-kronologija tal-fatti dokumentati timmilita kontra l-istanza promossa mill-attur.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :-**

**Tilqa` t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba`, tal-hames u tas-sitt eccezzjonijiet tal-konvenut.**

**Tichad l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur.**

**Tichad ukoll it-tielet u r-raba` talbiet tal-attur, billi dawn huma talbiet konsegwenzjali fil-kaz illi jkunu milqugha l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur.**

**Tordna li l-ispejjez relatati mas-sentenza parzjali li tat fis-17 ta` Settembru 2013 jithallsu kollha mill-konvenut.**

**Tordna li l-ispejjez kollha l-ohra jithallsu mill-attur.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**